# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 538/2021JPG**

**Kawza Numru : 21**

**PC**

**Vs**

**SB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' PC, datat 9 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Il-kontendenti żżewġu nhar l-1 ta' Mejju, 1999 ġewwa St. Philip Parish Church, Zebbuġ, Malta u dan kif inhu konfermat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ (hawn anness u immarkat bħala Dok. A).*

2. *Minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom żewġt itfal – NC li twieled nhar X u JC nhar Y.*

3. *Il-partijiet issepparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 30 ta' Jannar, 2019 fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento (hawn anness u immarkat bħala DOK B).*

4. *M'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Filwaqt li m'hemm l-ebda obbligu ta' sommistrazzjoni ta' manteniment fil-konfront tal-kontendenti, fir-rigward tal-manteniment għall-ulied, l-istanti dejjem ħallsu b'mod puntwali u m'hemm l-ebda pendenza.*

6. *In vista tal-fatti suesposti, il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 10 t'Ottubru 2022, a fol 37A, li taqra hekk:

1. *Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Illi hija m'ghandhiex tbati spejjez ghal dawn il-proceduri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u bl-ingunzjoni tal-istess rikorrent ghas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tat-12 t'Ottubru 2022 li permezz tieghu il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 66);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (viva voce a fol 39) illi l-partijiet zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 1999 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied. Jghid sseparaw permezz ta' kuntratt fit-30 ta' Jannar 2019 fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento. Jiddikjara li ma hemmx manteniment dovut. Jikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li l-kontendenti jghixu hajja separata minn xulxin.

**L-intimata xehdet** (Vide Fol 37) u kkorroborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 1999, liema zwieg jgib c-certifikat numru 517/1999 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar it-30 ta' Jannar 2019 fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento (a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 517/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**